

32005D0012(02)

26.11.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 311/43

## DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-17 ta' Novembru 2005,

li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2002/11 dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew

(BĊE/2005/12)

(2005/832/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

## Artikolu 1

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 26.2,

Id-Deċiżjoni BĊE/2002/11 <sup>(2)</sup> hija emendata kif ġej:

Billi:

“L-Artikolu 6a li ġej huwa mdaħħal f'Kapitlu II:

**Provviediment għar-riskji tar-rata tal-kambju ta' flus barranin, tar-rata ta' l-imgħax u tal-prezz tad-deheb**

- (1) Waqt li jikkunsidra kif mistħoqq in-natura ta' l-attivitajiet tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu jkun kopert b'mod adegwat kontra r-riskji tar-rata tal-kambju ta' flus barranin, tar-rata ta' l-imgħax u tal-prezz tad-deheb. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jistabbilixxi provvediment għal dawn ir-riskji fil-karta tal-bilanċ tal-BĊE.

Waqt li jikkunsidra kif mistħoqq in-natura ta' l-attivitajiet tal-BĊE, il-Kunsill Governattiv jista' jistabbilixxi provvediment għar-riskji tar-rata tal-kambju ta' flus barranin, tar-rata ta' l-imgħax u tal-prezz tad-deheb fil-karta tal-bilanċ tal-BĊE. Il-Kunsill Governattiv għandu jiddeċiedi dwar id-daqs u l-użu tal-provviediment skond il-bażi ta' stima rraġunata dwar ir-risk exposures tal-BĊE.”

## Artikolu 2

## Dispożizzjoni finali

- (2) L-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni BĊE/2005/11 dwar id-distribuzzjoni tad-dħul tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-karti tal-flus euro fiċ-ċirkulazzjoni lill-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri parteċipanti <sup>(1)</sup>, jistabbilixxi li l-Kunsill Governattiv jista', qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja, jiddeċiedi biex jittrasferixxi d-dħul kollu tal-BĊE, jew parti minnu, mill-karti tal-flus euro fiċ-ċirkulazzjoni f' provvediment għar-riskji tar-rata tal-kambju ta' flus barranin, tar-rata ta' l-imgħax u tal-prezz tad-deheb,

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ ġurnata wara dik li fiha tiġi adottata.

Magħmul fi Frankfurt am Main, nhar is-17 ta' Novembru, 2005.

Il-President tal-BĊE  
Jean-Claude TRICHET

<sup>(1)</sup> ĠU L 311, 26.11.2005, p. 41.

<sup>(2)</sup> ĠU L 58, 3.3.2003, p. 38.